MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 11/2008

**Alfred Zammit**

**vs**

**Mondial Travel Agency**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Lulju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar 2008 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mitt euro (€700) rapprezentanti parti minn prezz imhallas ghal 'cruise' illi kellu xi nuqqasijiet.

L-intimat baghat risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tal-kumpanija intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti issottometta illi huwa bbukkja u hallas is-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u tletin euro (€2237) ghal 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata fuq il-vapur 'NCL Dream' ghal "Scandinavian & Baltic Capitals tour" mad-ditta intimata bl-attrazzjoni ewlenija tkun illi jara l-vapur inizzel ic-cumnija meta dan jghaddi mill-'Kiel Canal'.

Ir-rikorrenti ssottometta wkoll illi meta fid-9 ta' Awissu filghodu kien fl-ajruport biex jitlaq minn Malta ghal Gatwick, hu gie nfurmat mit-'tour leader' ta’ l-agenzija intimata sabiex jerga’ jirritorna lura d-dar ghaliex l-ajruplan kien ser jitlaq tard u ghalhekk ma kienux ser jaslu fil-hin sabiex jitla' fuq il-vapur qabel ma dan jitlaq minn Dover. Ir-rikorrenti kellu jitlaq minn Malta l-ghada filghodu u minflok ma mar l-Ingilterra kellu jmur il-Germanja. Minn hemmhekk qabad il-vapur bir-rizultat illi, minbarra li tilef aktar minn gurnata u lejl mill-'cruise' tilef ukoll l-attrazzjoni specjali illi jara l-vapur inizzel ic-cumnija hekk kif ikun ghaddej minn 'Kiel Canal'.

L-intimat issottometta illi l-ilment tar-rikorrenti huwa dovut ghall-fatt li t-titjira ta' l-Air Malta lejn Gatwick ittardjat hafna bil-konsegwenza illi r-rikorrenti ma kienx ser jasal Dover fil-hin sabiex jitla' fuq il-vapur.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti telaq minn Malta l-ghada u mar il-Germanja minn fejn qabad il-vapur.

It-Tribunal ikkonsidra l-konferma tal-fatti bil-gurament mit-'tour leader' ta' l-istess agenzija intimata.

It-Tribunal jinnota illi

Ir-rikorrenti bbukkja 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata ma’ l-agenzija intimata u ta' dan hallas is-somma ta' elfejn, mitejn u sebgha u tletin euro (€2237), izda meta kien diga fl-ajruport gie nfurmat mit-'tour leader' tal-agenzija intimata sabiex jerga jirritorna d-dar ghaliex l-ajruplan kien ser jittardja u ma kienx ser jasal Dover fil-hin biex jilhaq jitla' fuq il-vapur.

It-Tribunal jinnota illi r-rikorrenti kellu jitlaq minn Malta l-ghada b'konsegwenza illi tilef aktar minn gurnata u lejl minn 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata kif ukoll tilef l-ispettaklu ta’ l-inzul tac-cumnija hekk kif il-vapur ikun ghaddej minn 'Kiel Canal'.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li nnota illi r-rikorrenti tilef aktar minn gurnata u lejl minn 'cruise' ta' tnax (12) il-gurnata, kif ukoll tilef l-ispettaklu illi jsir biss meta vapur jghaddi mill-'Kiel Canal', u wara illi nnota illi r-rikorrenti kien diga fl-ajruport meta gie mitlub jirritorna lura d-dar, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tliet mitt euro (€300) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

L-appell odjern tad-ditta intimata fil-konfront ta’ din is-sentenza jikkontjeni aggravju ghal kollox identiku ghal dak ta’ l-appell fl-ismijiet “Alfred Zarb *et* -vs- Mondial Travel Agency” (Rikors Nru. 9/08);

Gjaladarba l-meritu jitratta mill-istess fatti kostitutivi u mill-istess sottomissjonijiet ta' dritt zvolti f'dak l-appell l-iehor, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet minnha espressi f'dak l-appell Numru 9/08 u taghmilhom applikabbli, *mutatis mutandis*, ghall-appell prezenti.

Ghal dawn il-motivi, fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi f'dak l-appell l-iehor, deciz kontestwalment, il-Qorti qeghda tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra d-ditta intimata appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------